# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 63**

7 ta' Mejju 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

Il-Viċi Sindku VB fetaħ il-laqgħa billi talab minuta ta' silenzju biex titfakkar il-memorja tan-nannu tal-Kunsillier JAE li kien ħalla din id-dinja l-ġimgħa ta' qabel. Il-Kunsillier JAE irringrazzja lill-Kunsill tal-kondoljanzi u l-fjuri mibgħuta mill-Kunsill b'turija ta' rispett lejn nannuh.

## MINUTI

### 63.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

63.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 63.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

63.2.1. Il-Viċi Sindku (VB) ressaq il-minuti tat-tnejn u sittin (62) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**Nota: 17:07 Is-Sindku DSH attendiet għal-laqgħa.**

63.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-korrezzjoni tal-minuti tal-materja 62.5.2 li għandha taqra "jinġema l-ilma quddiem l-Istitut. [...] Is-SE kienet iltaqgħet mal-Perit inkarigat, flimkien mal-Viċi Sindku VB, li informaha li ser jikkuntattja lill-kuntrattur."

63.2.3. Il-Kunsillier AGS ġibed l-attenzjoni għall-fatt li t-tarmak mogħti kien dab u staqsa jekk hux ser jerġa jsir. Is-Sindku DSH qalet li kienet qed titkellem mal-Gvern Ċentrali sabiex jerġa jsir iżda s'issa ma kellix konferma.

63.2.4. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-korrezzjoni tal-minuti ta' materja 62.12.1 li għandha taqra "quddiem l-irħama ta' barra".

63.2.5. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 17:12 Il-Kunsillier AD attenda għal-laqgħa.**

63.2.6. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-attività mtella' f'Jum il-Floriana u li għaliha kien attenda l-President ta' Malta. Huwa qal li dakinhar il-Kunsill kien ippreżentata donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund li nġabret waqt Qalb Ħanina, Qalb Furjaniża kif ukoll waqt attività ta' Christmas Caroling mtella' mill-Kunsill.

63.2.7. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 62.13.1 u staqsa jekk l-Arċipriet kienx jaf bit-trumpeteers. Is-Sindku wieġbet li l-Arċipriet kien jaf u li kienet intbagħtet korrispondenza lill-għaqdiet lokali.

63.2.8. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 62.15.1 u staqsa x'kien l-iżvilupp tal-pubblikazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-abbozz kien intbagħat lill-istampatur, fejn saru xi emendi żgħar u kien lest biex jiġi stampat.

### 63.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

63.3.1. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand impjegat tal-Kunsill fi Skala 11 li talab estensjoni tal-kuntratt tat-telework. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-kuntratt jerġa jiġi estiż.

63.3.2. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand impjegat tal-Kunsill fi Skala 7li talab li jkun jista' jaħdem fuq bażi ta' telework. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u laqa' t-talba.

63.3.3. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-Memo 8/2015 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u qalet li f'konformità mal-Memo, wieħed mill-impjegati kien wasal għal *progression*. Hija qalet li din iċ-ċirkolari kienet parti mill-Ftehim Kollettiv iffirmat mill-impjegati. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

63.3.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u pproponiet li terġa' tinħatar is-Sra Emmanie Borg Bonaci. Il-Kunsill approva l-ħatra u għandu jkun mgħarraf il-Ministru u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

63.3.5. Is-Sindku DSH ressqet komunikazzjoni mingħand il-Lands Authority fejn informaw lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill għad-devoluzzjoni ta' Ġnien Vilhena kienet ġiet milqugħa.

63.3.6. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bl-invit mibgħut minn Reġjun Xlokk għall-preżentazzjoni tal-ktieb li nħareġ fuq il-kunsilli lokali.

63.3.7. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien ma' Heritage Malta fejn stiednu lis-Sindku u lis-SE għall-iffirmar tal-ftehim ta' kollaborazzjoni fuq l-iSkema tal-Passaport tal-Kbar.

**63.4 RAPPORTI**

63.4.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li dakinhar stess kienet qed tinżamm il-laqgħa straordinarja tar-Reġjun Xlokk sabiex jinħatar is-Segretarju Eżekuttiv iżda minħabba li kienet konfliġġenti mal-laqgħa tal-Kunsill, ħadd mill-kunsilliera ma seta' jattendi u r-Reġjun ġie nfurmat b'dan.

**63.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

63.5.1. Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**63.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

63.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

**63.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

63.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 50/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

63.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u issekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

63.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' *petty cash* li nħarġu matul ix-xahar ta' April li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

63.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

### 63.8 Mozzjonijiet

63.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

### 63.9 Offerti pubbliċi

63.9.1. Is-SE għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti għall-servizz ta' Accountant u nformat lill-Kunsill li kien hemm ħames offerti u pproponiet li l-aġġudikazzjoni ssir nhar it-13 ta' Mejju fin-12.30pm. Il-Kunsill qabel.

63.9.2. Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill tliet kwotazzjonijiet għal servizzi ta' data protection. Wara li kkonsidra l-kwotazzjonijiet kollha, il-Kunsill qabel li għandu jilqa' l-kwotazzjoni tal-kumpanija Boom li kienet tinkludi kull servizz mitlub fil-prezz kwotat.

63.9.3. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju 2019 kien ser jiġi ffirmat il-memorandum ta' ftehim tal-*Urban Greening* dwar tħawwil ta' arbuxelli fi planters fil-lokalitajiet.

63.9.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għaċ-Ċirkolari SPI 07/2019 fejn informaw li hemm fond biex isiru sistemi t'irrigazzjoni, li l-Kunsill jista' jibbenefika minnu. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal dan il-fond sabiex issir sistema t'irrigazzjoni għaċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE qalet li kien irnexxielha ssib inġinier li kien lest jaħdem l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni u nformat li kellha laqgħa miegħu l-għada.

63.9.5. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tas-sistema elettrika għall-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qalet li dan irid jerġa' joħroġ. Hija qalet li l-Kunsill kien irċieva l-konferma mill-miktub mill-PCRB sabiex tkun tista' terġa tinħareġ din is-sejħa. Is-SE għandha tikkomunika mal-Inġinier biex jiġu sorvolati xi diffikultajiet.

63.9.6. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu nxtraw friġġ u computer ġodda u għalhekk ipproponiet li jintremew il-friġġ u l-kompjuter l-antiki. Il-Kunsill qabel mar-rimi ta' dawn l-oġġetti u li jiġu ngassati mill-inventarju. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienux ittieħdu l-*hard disks* mill-kompjuter u s-SE ikkonfermat li kienet saret il-proċedura neċessarja sabiex dawn ikunu jistgħu jintremew.

63.9.7. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tas-CCTV kameras fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qalet li kien hemm bżonn li tinżamm laqgħa sabiex issir l-aġġudikazzjoni tal-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha tinżamm nhar it-13 ta' Mejju 2019 fin-12.30pm. Is-Sindku DSH qalet li jrid jiġi appuntat ukoll Bord tal-Aġġudikazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-bord ikun jikkonsisti mis-Sindku bħala *chairperson,* mill-Viċi Sindku VB, mill-Kunsillier JAE u mis-Sur Kenneth Brincat.

63.9.8. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-abbozz tal-ftehim min-naħa tal-GreenMT. Is-SE qalet li kienet bagħtet diversi tfakkiriet u li għandha terġa tibgħat tfakkira oħra.

63.9.9. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-attività ta' Jum il-Floriana u qalet li kienet iddiżappuntata mis-servizz mogħti mill-Amac, responsabbli mis-sistema tal-preżentazzjoni dakinhar. Hija qalet li l-persuna li kienet qed tħaddem is-sistema dakinhar ma kienitx kompetenti, b'konsegwenza li s-serata ma marritx kif suppost. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jibgħat bil-miktub lill-kuntrattur u jesprimi d-diżappunt tiegħu għal kif marret is-serata. Il-membri unanimament qablu li din is-serata tilfet il-preġju tagħha fil-preżenza tal-President ta' Malta kaġun ta' din l-operatur a dannu tal-Kunsill. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jitlob li tiġi emendata l-fattura kemm

minħabba d-diżappunt tal-operatur kif ukoll peress li ma kienx kera l-*projector* mingħand il-kuntrattur involut.

63.9.10. Is-SE informat lill-Kunsill li kellu bżonn jinxtara s-software tal-*Office* għal żewġ kompjuters fl-uffiċċju amministrattiv. Hija ressqet kwotazzjoni għal Office 365 li jammonta għal spiża ta' €178.42 fis-sena. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'din il-kwotazzjoni.

## 63.10 KORRISPONDENZA

### 63.10.1. TALBA MINGĦAND CHORUS PRINCEPS MELITAE

Is-Sindku DSH ressqet id-diversi korrispondenzi mingħand Chorus Princeps Melitae fejn saret talba għas-somma ta' €500 għal orkestra żgħira waqt attività li kienet ser tittella' fil-festa. Is-Sindku DSH qalet li hi kienet tkellmet mal-Arċipriet li nformaha li ma kienx jaf li r-rappreżentant ta' dan il-kor kien qed jiġbor il-fondi. Hija qalet ukoll li kienet informata li l-istess rappreżentant ġabar ukoll il-flus matul il-ħruġ tal-vara ta' San Publju biex ikopri l-ispejjeż. Is-Sindku qalet ukoll li dan ma kienx il-kor uffiċjali tal-parroċċa iżda jidher li dan kien kor privat u li ma kienx għaqda jew entità Furjaniża. Hija qalet li l-persuna li ressqet it-talba taf, għax barra li hu awditur, hu membru ta' għaqdiet oħra Furjaniżi, li l-Kunsill kien jorganizza attivitajiet kulturali konġunti m'għaqdiet li huma tal-lokal biss. Il-Viċi Sindku VB ġibed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li ladarba dan il-kor kien jagħmel funzjonijiet fil-Knisja, seta' jinħoloq konflitt mal-kor uffiċjali tal-parroċċa. Is-Sindku qalet li dan ma kienx jikkonċerna lill-Kunsill iżda lill-parroċċa. Is-Sindku żiedet tgħid li r-rappreżentant ta' dan il-kor kien qed jitlob *sponsorship* meta l-liġi ma tippermettix li l-Kunsill jagħti *sponsorships*. Hija ġibdet l-attenzjoni wkoll għall-fatt li t-talba kienet saret xi ġimgħatejn biss qabel il-festa tal-lokalità u għalhekk żgur li l-attività ma kienitx ser tippromwovi l-kunsill lokali kif qal fil-korrispondenza. Il-Kunsill irrimarka wkoll li ma jistax jaċċetta li għax xi ħadd jiddeċiedi fuq avveniment allura jippretendi li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispejjeż! Il-Viċi Sindku VB qal ukoll li jekk il-Kunsill kellu jgħin lil dan il-kor, kien ser jinħoloq preċedent u jingħata lok għal entitajiet oħra sabiex iressqu talbiet simili. Is-SE qalet li fil-fatt, il-Kunsill kien ċaħad talbiet simili ta' għaqdiet oħrajn li jiltaqgħu fil-Floriana.Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li l-Kunsill ma laqax it-talba tagħhom minħabba l-fatt li dan kien kor personali u privat u li m'huwiex għaqda lokali, filwaqt li jinfurmahom li l-Kunsill dejjem organizza attivitajiet b'mod konġunt ma' għaqdiet Furjaniżi. Il-Kunsillier JAE ssuġġerixxa li l-Kunsill jinformah li jista' jikkunsidra dan il-kor f'attivitajiet li jista' jkollu 'l quddiem iżda l-Kunsill ma qabilx li jibgħat dan bil-miktub a bażi li ma jixtieqx jinftiehem li qed jikkommetti ruħu. Finalment ġie nnutat li mat-talba finanzjarja saret rimarka fejn il-Kunsill ġie mwiegħed postijiet prominenti (fuq quddiem) għal waqt din il-prestazzjoni meta fil-fatt f'okkażjonijiet bħal dawn huwa dover li jkun osservat il-Protokol Lokali u Reġjonali.

### 63.10.2. ILMENT RIGWARD IL-PERMESSI GĦALL-MAKKINARJU

Is-Sindku DSH ressqet ilment mingħand residenta dwar is-sistema tal-permessi għal makkinarju biex ittella' għamara fejn ilmentat li wara li kienet ġabet il-permess neċessarju mill-Kunsill, kien hemm xi vetturi li ġew ipparkjati fejn twaħħlu it-tabelli tan-*No Parking* b'konsegwenza li ma setgħetx taħdem. Hija qalet li l-Kunsill kien informaha li ma seta' jagħmel xejn sabiex iċaqlaq dawn il-vetturi u li kellha tkellem lill-Pulizija. Hija qalet ukoll li din is-sistema ma kienitx tagħmel sens u li kien hemm bżonn li jsir xi ħaġa. Is-Sindku qalet li għalkemm tifhem lis-Sinjura, il-liġi kienet tali u ma seta' jsir xejn. Il-Viċi Sindku VB qal li l-Pulizija kellhom is-setgħa li jħarrku lill-vetturi dejjem jekk it-tabelli tan-*No Parking* ikunu twaħħlu fiż-żmien stipulat mil-liġi. Is-SE nformat li hi kienet kitbet lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ilmenti simili iżda kienet għadha ma kellix risposta.
Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lis-Sinjura li din kienet il-liġi u li għalhekk kellha titlob lil Transport Malta, lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew lill-Pulizija. Il-Kunsillier AGS u l-Kunsillier JAE pproponew li l-Kunsill jenfasizza l-affarijiet kif inhuma ma' kull min japplika għall-permess iżda s-SE informat li dan kien diġà jsir. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni għall-possibbiltà li wieħed iġib avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u hekk il-Pulizija jkunu jistgħu jittowjaw il-vetturi li jipparkjaw mill-ewwel.

63.10.3. **Talba mil-Kurja**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Kurja fejn informaw lill-Kunsill li kien ser isir xi xogħol ristorattiv mal-faċċata tal-bini tagħhom. Huma rreferew għall-permess li jridu jħallsu sabiex ikunu jistgħu jarmaw scaffolding u talbu lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li jirrinunzja l-miżata jew li jingħataw skont. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' t-talba u dan minħabba li l-miżati marbuta mal-permess għall-armar ta' scaffolding kienu stipulati bil-liġi u għalhekk il-Kunsill ma setax jirrevedi l-prezzijiet kif irid hu. Il-Kunsill qal ukoll li tali talbiet ma setgħux jiġu milqugħa ġaladarba l-entitajiet lokali kollha kif ukoll ir-residenzi li kienu għamlu xogħol simili kienu kollha ħallsu l-kont totali skont il-miżati stipulati bil-liġi.

**Nota: 18:17 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.**
**Il-Viċi Sindku VB ippreseda l-laqgħa.**

63.10.4. **Keep Clear u Commjnal Reserved Parking Bay fi Triq il-Kavallier Giovanni Galdiano**

Il-Viċi Sindku VB ressaq korrispondenza minn Transport Malta fejn informaw li rċevew talba għal-*Keep Clear* u *Communal Reserved Parking Bay* fi Triq Kavallier Giovanni Galdiano.

**Nota: 18:18 Is-Sindku DSH irritornat għal-laqgħa.**

Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jistaqsi jekk ir-raġuni għat-talba kienitx minħabba l-*cash van* u jistaqsi wkoll għalfejn kienet qed tintalab *Keep Clear.*

63.10.5. **Light up the night**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza dwar l-attività Light up the night skont Ċirkolari SPI 8/2019 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill li ser tiġi organizzata attività fit-12 ta' Mejju 2019 u pproponew li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva ta' *awareness* billi jixgħel binjiet pubbliċi jew monumenti bil-kulur blu jew vjola. Il-Kunsill qabel li għandu jixgħel il-gallarija tad-Dar tal-Kunsill bil-kulur blu, kif propost.

**63.11 Proġett tal-Ġnien Re George V**

63.11.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-latrini pubbliċi kien miexi sew u li kien beda t-twaħħil tal-madum u tal-aperturi. Is-Sindku qalet li appena jkun hemm l-approvazzjoni tad-DNO, ikun jista' jinbeda wkoll ix-xogħol fuq il-faċċata.

63.11.2. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk il-bibien kienux ser ikunu jissakkru bil-lejl. Is-Sindku kkonfermat li ser ikunu msakkra.

63.11.3. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienitx ser issir kamera ta' sigurtà fuq is-sinkijiet. Is-Sindku qalet li ma setgħux jitwaħħlu kameras ġewwa l-latrini iżda kienu ser jitwaħħlu kameras fuq l-entratura tal-bieb man-naħa ta' barra.

63.11.4. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li għandha tiltaqa' mal-persuna li rebħet it-tender għall-provvediment ta' bandli u mini gym sabiex jiġi diskuss meta ser jibda x-xogħol min-naħa tiegħu.

63.11.5. Is-SE nformat lill-Kunsill li kienet kellmet lis-Sur Justin Attard sabiex jibda x-xogħol tas-*civil works* u qalet li għandha terġa tfakkru l-ġimgħa ta' wara.

**63.12 JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA**

63.12.1. Is-Sindku fakkret li Jum it-Twelid tal-Floriana ser ikun nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju 2019 mis-6.30pm 'il quddiem.

63.12.2. Is-Sindku informat lill-Kunsill li kienet ikkonfermat mas-Soċjetà Filarmonika Vilhena li ser tindaqq il-Fanfarra.

63.12.3. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jixgħel Triq Sant'Anna għall-okkażjoni.

**63.13 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT**

63.13.1. Is-Sindku DSH qalet li din l-edizzjoni kienet marret tajjeb ħafna għalkemm sfortunatament, it-temp ma ppermettix wisq.

63.13.2. Il-Kunsillier JAE qal li l-kwalità tan-nar kienet tajba ħafna iżda sfortunatament kien qam ħafna riħ. Il-Viċi Sindku VB qal li t-tapit seta' kien ta' kwalità aħjar.

63.13.3. Is-Sindku qalet li r-rebbieħa tal-festival kienu l-Kamra tan-Nar ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ. Hija qalet li kienet informathom li bħal ma jsir dejjem, ir-rebbieħ seta' jagħmel it-tapit fl-edizzjoni li jmiss tal-festival tas-sena d-dieħla.

63.13.4. Is-Sindku nformat li l-Awtorità tat-Turiżmu kienu wrew ix-xewqa li jerġgħu jidħlu f'kollaborazzjoni mal-Kunsill għas-sena li ġejja.

63.13.5. Is-Sindku qalet ukoll li minħabba t-temp, il-festival kellu jibda ftit qabel mill-ħin previst.

63.13.6. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Supretendent tal-Pulizija li flimkien mal-membri tal-Korp, kienu kkoperaw fis-sħiħ mal-Kunsill u kienu organizzati tassew tajjeb. Il-Kunsill qabel.

**63.14 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

63.14.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju fit-8.30am.

63.14.2. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinżamm laqgħa straordinarja nhar id-29 ta' Mejju 2019 fit-8.30am.

**Konfermati, illum 11 ta' Ġunju 2019.**

***firmati***
Davina Sammut Hili
Sindku

***firmati***
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv